# SERBUT

Għatxan.
Bil-għaraq nieżel...
Ragħwa tas-sapun aħdar;
pori miftuħa beraħ;
qalb tħabbat qawwi;
polz kemm xejn jinħass...

Uċuh
bojod u suwed
iħarsu u ma jidħkux!

Serbut...

Twieled:
għex:
u... miet!

PETER A. CARUANA

# PALETTA ĠDIDA

Xuxtek miġbura fuq widnejk
biex wiċċek
minn qalb is-sħab ifiġġ
bħal xemx għaddejja
f'sema kaħlani,
jagħti lil żgħożitek
lemħa ta' ħeffa friska ta' għażżiela.
U jien nitgħaxxaq
b'ħsibijiet moħbija
li jagħtuni ħajja ġdida;
u nerġa' nikseb seħer ta' kuluri
li kliemi iżewwaq
fuq paletta verġni
biex minnha nagħsar
is-sigriet ta' mħabbti.

V.M. PELLEGRINI



# GĦALIEX NEMMEN FL-EĦIERES

Minn NOEL CARUANA DINGLI

Hemm ħafna fehmiet għaliex ma kontx nemmen fl-eħieres. Meta kont inkun bejn ħaltejn kont ngħid lili nnifsi, ''Jekk Alla setgħan u ħanin, żgur li mhux se jħalli l-eħieres jidhru lin-nies u jagħtuhom qatgħa''. Iżda ommi ma taħsibhiex hekk u llum erġajt sibt ruħi bejn ħaltejn għax ommi darba qaltli, ''Meta waqqgħetilna d-dar fil-gwerra sibna dar oħra fejn noqogħdu għax kien hemm ħafna djar vojta. Din id-dar, li kienet ta' xi patrijiet, kienet in-numru ......, Il-Moll tal-Pietà. Aħna morna fiha fl-1943. Kienet dar kbira bi tliet sulari u sittax-il kamra u kantina kbira mimlija brimb ukoll. Meta morna noqogħdu hemm, malajr sirna ħbieb mal-ġirien, iżda kienu jgħidulna, ''X'ġejtu tagħmlu hawnhekk? Dik id-dar kienet ilha magħluqa għal xi għaxar snin''. Qalulna wkoll li ħafna snin qabel raġel kien intlaqat minn sajjetta għax il-ħajt ta' waħda mill-kmamar tat-tieni sular kien għadu iswed. Barra minn dan raġel ieħor kien qatel ruħu b'idejh fit-tielet sular. Il-ġirien qalulna wkoll li dawk li kienu fid-dar qabilna kienu daħlu fqar u ħarġu sinjuri!

Għall-ewwel ma tajniex kas dan kollu, u iżjed konna nibżgħu mis-suldati suwed li kien hemm stazzjonati ħdejna, u mill-bombi. Kien żmien ta' gwerra u konna qegħdin f'ħalq il-lupu hemmhekk. Iżda kollox mexa b'wiċċ il-ġid, il-gwerra ntemmet u bqajna ħajjin. Għall-ewwel konna qegħdin fil-hena tagħna, iżda wara l-ħelu jiġi l-morr u malajr inqala' l-għawġ.

Il-ġnien tan-nies ta' maġenbna kien ikbar minn tagħna u kien jibqa' sejjer sa ħdejn l-isptar ta' San Luqa. Huma qatgħuha li jwaqqfu industrja ta' l-insiġ fil-ġnien. Malajr ġew xi ħaddiema biex jibnu kamra ta' l-insiġ u aħna ta' tfal li konna morna fit-terrazzin biex narawhom. L-ewwel ma għamlu l-ħaddiema kienet li jaqilgħu siġra kbira tat-tut li kien hemm f'tarf il-ġnien. F'daqqa waħda l-ħaddiema waqfu ħesrem mix-xogħol għax kienu sabu xi ħaġa midfuna taħt is-siġra tat-tut: kienu sabu l-iskeletru ta' bniedem! Imbagħad ma ħabblux rashom u tefgħu l-iskeletru fuq il-ħajt tal-ġnien tagħna. L-iskeletru kien ilu ma jara d-dawl u għal-hekk sar trab. Aħna, li rajna kollox, morna ngħidu 'l ommna, iżda billi konna għadna żgħar u dejjem nidħku, hi m'emmnitniex, u qalet, ''Din żgur xi waħda minn tagħkom!''

Minn dak in-nhar bdejna nibżgħu noqogħdu hemm għax konna